# X'NISTGĦU AĦNA NKUNU NAFU DWAR MATTEW 24 U MARK 13

Minn
George Ebejer

# X'NISTGĦ AĦNA NKUNU NAFU DWAR MATTEW 24 U MARK 13
## (L-ewwel parti)

> "*Kif kien qiegħed fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, id-dixxipli resqu jistaqsuh privatament, igħidulu, "Għidilna, meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sin-jal tal-miġja Tiegħek, u tat-tmiem tad-dinja?…*" (Mattew 24:1-8).

Wara ċ-ċanfira ħarxa Tiegħu lil l-iskribi u l-Fariżej f'Mattew 23, Ġesù "*ħareġ mit-tempju u telaq*" (Mattew 24:1). Dan immarka l-aħħar darba li Ġesù qatt żar it-tempju f'Ġerusalem, u "t-tluq" Tiegħu issimbolizza t-tmiem tar-revelanza tat-tempju għal l-iskopijiet ta' Alla. bir-riġettar ta' Iżrael tal-Messija, ma kienx hemm aktar lok għat-tempju. Kif Ġesù kien sejjer, id-dixxipli Tiegħu urewh il-bini impressiv tal-kumpless tat-temp-ju u qalu,

> "*Mgħallem, ara x'ġebel kbir u x'bini kbir hawn!*" (Mark 13:1).

Il-kobor u l-ġmiel ta' l-għaġeb tat-tempju mibni minn Erodi huwa muri mill-istoriku Lhudi Josephus:

> "Issa t-tempju kien mibni minn ġebel li kien abjad u b'saħħtu, u kull tul tagħhom kien ħamsa-u għoxrin kubu, l-għoli tagħhom kien tmienja, u l-wisgħa tagħhom kien madwar tnax…. Issa l-faċċata ta' barra tat-tempju ma kienet nieqsa minn xejn li ma jissorpendix jew l-imħuħ tan-nies jew għajnejhom:

> għaliex din kienet miksija kollha bi pjanċi tad-deheb ta' piż kbir, u ma' l-ewwel tlugħ tax-xemx, kienet tirrifletti lura dija kbira, u kienet iġġiegħel li dawk li kienu jisfurzaw lilhom infushom biex iħarsu fuqha li jdawwru għajnejhom, l-istess kif kienu jagħmlu bħallikieku kienu r-raġġi nfushom tax-xemx. Imma dan it-tempju kien jidher għall-barranin, meta huma kienu f'distanza, bħall-muntanja miksija bis-silġ; għaliex, għal dawk il-partijiet li me kinux ileqqu, dawn kienu bojod ħafna (Josephus *Antiquities* 15.9(1-3); *War* 5.5(6).

Fi tweġiba għal l-għaġeb tad-dixxipli Tiegħu ta' din il-wirja ta' ġmiel kbir materjali, Ġesù lissen tbassira li taħsad lil dak li jkun fejn qal:

> "*Tarawx dawn il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx*" (Mattew 24:2).

Il-kliem ta' Ġesù kien riġezzjoni ċara tal-forma tar-reliġjon li kienet iffokata esklussivament fuq Iżrael u r-ritwali li kienu jsiru fit-tempju tiegħu. Tant kienet qawwija t-tbassira ta' Ġesù li l-għedewwa tiegħu baqgħu jżommuha f'moħħhom hekk li kkwotawha kontrih fit-tiġrib Tiegħu (ara Mattew 26:61; 27:40). Ukoll it-tnax-il dixxiplu tiegħu kienu mħawwda dwar dak li

qal Ġesù u ġew Għandu kif kien fuq l-Għolja taż-Żebbuġ u staqsewh,

> "*Għidilna, meta se jkunu dawn il-ħwejjeġ, u x'se jkun is-sinjal tal-miġja Tiegħek, u tat-tmiem taż-żmien?*" (Mattew 24:3).

Fi tweġiba għal din il-mistoqsija, Ġesù jagħti spjega elaborata (ara Mattew 24:4-51; Mark 13; Luqa 21). Din id-diskussjoni kollha hija ta' spiss irriferuta bħala "L-apokalissi ż-Żgħira" (din ġejja mill-kelma Griega *apokalupsis*, li tfisser "rivelazzjoni" jew "tikxifa."

Mattew 24 mhuwiex kapitlu faċli li tifhmu. B'riżultat hemm wisq konfużjoni dwar x'għallem attwalment Ġesù hawn. Iżda kif dejjem f'li tistudja l-Bibbja, huwa l-aħjar li tħalli dak li huwa *ċar* għalina jispjega dak li huwa oskur. Xi ħwejjeġ *huma* ċari, u dawn jistgħu jgħinuna nifhmu l-kumplament. Aħna rridu nkunu attenti li ma nħallux l-opinjonijiet u l-interpretazzjonijiet tal-bnedmin iżidu teoriji li mhumiex qegħdin f'dan il-kapitlu. Ħalli mela nħarsu lejn dak li aħna *nistgħu* nkunu nafu dwar Mattew kapitlu 24.

## ĠMIEL MATERJALI MHUWIEX SINJAL TA' VALUR SPIRITWALI

Ġesù wissa li l-ġmiel materjali mhuwiex sinjal ta' valur spiritwali. Id-dixxipli kienu mpressjonati ħafna bil-ġmiel ta' l-għaġeb tat-tempju; Ġesù, iżda, qal li dan kien ġmiel *ikkundannat*. It-tempju kien sar tmiem

fih innifsu, u minħabba dan, hu ma kellux aktar post fil-pjan ta' Alla.

Huwa faċli li tkun impressjonat ħafna bi ġmiel materjali u b'riżultat ta' dan titlef jew ma tibqax tara l-valuri spiritwali. Illum wieħed jara ħafna katedrali ta' ġmiel u ta' kobor immens. Għall-bidu li dawn inbnew kienu jkunu mimlija bin-nies. Iżda llum, jekk wieħed iżurhom isib li ftit nies jattendu għas-servizzi li jsiru fihom. Imma l-bini u l-ammirazzjoni tal-ġmiel tagħhom komplew. Turisti jittieħdu biex jarawhom, imma l-ispiritwali kważi spiċċa għalkollox. Dawn tabilħaqq saru t-tmiem fihom infushom, 'il bogħod mill-iskop li għalih kienu oriġinarjament intenzjonati.

L-istqarrija ta' Ġesù lid-dixxipli Tiegħu tfakkarna li l-ħaġa reali mhijiex il-bini u l-ġebel u l-ġmiel materjali, imma l-verità ta' l-Aħbar it-Tajba Dwaru Nnifsu. Tkun xi tkun in-natura tal-bini, huma x-xorta ta' nies li jaduraw fih li tabilħaqq igħodd u l-messaġġ li joħroġ minnhom.

## IL-WAQA' TA' ĠERUSALEM TISTA' TKUN IMBASSARA

Ġesù wieġeb żewġ mistoqsijiet f'dan il-kapitlu, mhux sempliċiment waħda, (1) "Meta dawn il-ħwejjeġ [jiġifieri, il-qirda tat-tempju li kienet għadha kif ġiet imbassra] jiġru?" u (2) "X'ikun is-sinjal tal-miġja Tiegħek, u tat-tmiem tad-dinja?" Ġesù spjega liż-żewġ ġrajjiet kienu separati, 'il waħda mbassra (il-qirda ta' Ġerusalem) u l-oħra mhux imbassra xejn (il-miġja ta' Ġesù u t-tmiem tad-dinja). Dan jispjega s-sinjifikat

tat-twissija ta’ Ġesù hekk kif Hu jibda t-tweġiba Tiegħu:

> “*Araw li ħadd ma jqarraq bikom*” (Mattew 24:4).

Il-konfużjoni ta’ dawn iż-żewġ ġrajjiet tista’ twassal għal żbalji serji dwar it-tmiem tad-dinja jew taż-żmien u l-abbiltà tagħna biex imbassruh.

Ġesù wieġeb l-ewwel mistoqsija, dik li tikkonċerna l-qirda ta’ Ġerusalem u tat-tempju, f’versi 6 sa 35. Dawn il-ġrajjiet saru jew ġraw fis-sena 70 W.K. meta l-armati Rumani taħt Titu ħarqu Ġerusalem wara assedju ta’ sentejn. Din il-qirda kbira li kellha tiġi kkawżat lil Ġesù jibki fuq Ġerusalem, il-belt qaddisa:

> “*Ja Ġerusalem, Ġerusalem, int li toqtol il-profeti, u tħaġġar lil dawk li jinbagħtulek, kemm-il darba ridt niġma’ lil uliedek flimkien, bħalma tiġieġa tiġbor il-flieles tagħha taħt ġwinħajha, u inti ma tridx! Ara darkom tibqalkom ħerba. Għax ngħidilkom: Ma tarawnix minn issa ’l quddiem sama tgħidu: Imbierek dak li ġej f’isem il-Mulej!*” (Mattew 24:37-39).

It-tribulazzjoni, ħażen, u tradiment imfissra f’versi 9 sa 14 jirreferu għall-ġrajjiet ta’ tbatija kbira assoċjata ma’ dak l-assedju. Dan kien il-kastig ta’ Iżrael talli rriġetta lill-Messija tagħhom. Il-“*għajb tal-ħerba…qiegħed fil-lok imqaddes*” (Mattew 24:15) huwa spjegat minn Luqa 321:20,

> "*Imma meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati, imbagħad kunu afu li qorbot il-ħerba tagħha.*"

F'dak il-waqt, Il-Kristjani kellhom jaħarbu minn Ġeru-salem mingħajr dewmien ta' xejn (Mattew 24:16:20; Luqa 21:21-24). Id-deskrizzjoni qawwija u tal-biża' tat-"tribulazzjoni" f'Mattew 24:19-22 tapplika għall-jiem ta' l-assedju u l-waqa' formali ta' Ġerusalem, u mhux għat-tmiem tad-dinja. (Ħafna minn din il-konfu-żjoni qamet forsi għaliex il-kelma "tribulazzjoni" saret kważi terminu tekniku f'xi ċirki għall-ġrajjiet taż-żmien ta' l-aħħar, biex b'hekk dawn il-ġrajjiet huma moqrija awtomatikament ġewwa testi fejn huma ma japplikawx, kif isir fil-versi 19 sa 22 ta' Mattew 24). Ġesù enfasizza li dawn il-ġrajjiet kienu li wieħed jista' jobsorhom ħafna, kif meta s-siġra tat-tin twaqqa' l-weraq tagħha, turi lis-sajf ikun ġej:

> "*Hekk ukoll intom, meta taraw dawn il-ħwejjeġ kollha, kunu afu li qiegħed fil-qrib: fil-bieb. Tassew ngħdilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha*" (Mattew 24: 33-34).

Ma kinetx il-miġja jew ir-ritorn ta' Kristu li kellu jsir f'dik il-ġenerazzjoni, imma l-qirda ta' Ġerusalem u t-tempju tagħha.

Imbagħad, Ġesù wieġeb il-mistoqsija tad-dixxipli dwar ir-ritorn eventwali Tiegħu (Mattew 24:26-51). "*Imma dwar dak il-jum*" (Mattew 24:36) jieqaf f'kuntrast meqjus għall-espressjoni "*dawk il-jiem*" f'Mattew

24:16, 22, 29. "*Dawk il-jiem*" ta' tribulazzjoni qabel il-qirda ta' Ġerusalem kienu mbassra:

> "*Imma dak il-jum u dik is-siegħa ma jafhom ebda bniedem, le, lanqas l-anġli tas-sema, lanqas l-Iben, ħlief il-Missier* ***waħdu***" (Mattew 24:36; enfasi tiegħi).

Ġesù intenzjona li jgħid lir-ritorn Tiegħu ma jiġrix qabel xi żmien *wara* l-qirda ta' Ġerusalem. Imma xi ngħidu dwar versi 29 sa 30? Fil-kuntest tad-diskuss-joni dwar Ġerusalem, Ġesù jgħid,

> "*Imma minnufih wara t-tribulazzjoni (niket, diqa), ta' dawk il-jiem ix-xemx tiddallam, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu, u l-kwiekeb jaqgħu mis-sema, u l-qawwiet tas-smewwiet jitheżhu: U* ***mbagħad is-sinjal ta' Bin il-bniedem jidher fis-sema,...ġej fis-sħab tas-sema b'qawwa u glorja kbira***" (Mat-tew 24:29-30; enfasi tiegħi).

Ma jindikax dan li Ġesù għandu jiġi qrib ħafna għat-"tribulazzjoni" mfissra f'Mattew 24:19-22? Xi wħud hekk jemmnu. Iżda mhux neċessarjament li hu hekk. Żomm f'moħħok li "mbagħad" mhijiex neċessarja-ment riferenza għaż-żmien, imma aktar turi *biss sek-wenza* (jiġifieri, "xi żmien wara dak, Bin il-Bniedem jidher"). Xejn ma hu qiegħed fl-espressjoni "mbagħ-ad" li jeħtieġ li jinqara bħala riferenza ta' żmien (jiġi-fieri, "sewwasew wara dak"). Ukoll, vers 34 jagħ-milha impossibbli li dan għandu jinqara b'dan il-mod,

għaliex Ġesù ma ġiex lura f'dik il-ġenerazzjoni. Imma kien f'dik il-ġenerazzjoni li Ġerusalem kienet meqruda. Huwa assolutament essenzjali li nżommu ż-żewġ mistoqsijiet li kienu magħmula u mwieġba distinti f'moħħna, kif apparentament kienu f'moħħ Ġesù.

## EBDA SINJALI MA JKUN HEMM QABEL IL-MIĠJA TA' ĠESÙ

Ebda "sinjali" tal-miġja ta' Ġesù ma jkunu mogħtija. Ġesù qal li l-qirda (ħerba) ta' Ġerusalem *tkun* imħabbra minn ċerti sinjali (Mattew 24:15, 32, eċċ.). Ġesù qal ukoll li l-miġja Tiegħu qabilha **ma jkun** hemm ebda sinjali bħal dawn. Versi 5 sa 8 spiss huma murija minn allarmisti bħala "sinjali" tat-tmiem taż-żmien li jkun ġej. Imma ħarsa aktar mill-qrib lejn dawn il-versi turi li dawn jgħallmu eżattament l-oppost ta' dak li spiss huwa mifhum li dawn igħidu"

> "*Għax ħafna jiġu f'ismi jgħidu: "Jien hu Kristu"; u jqarrqu b'ħafna. U tisimgħu bi gwerer, u bi xnigħat ta' gwerer:* ***araw li ma titħawdux, għax dan kollu jaħtieġ jiġri, iżda għad mhuwiex it-tmiem****. Għax ġens iqum kontra ġens, u saltna kontra saltna: u jkun hemm ġuħ, u pesta, u theżhiż ta' l-art f'ħafna postijiet. Iżda dawn kollha huma l-bidu tal-weġgħat tat-twelid*" (Mat-tew 24:6-8; enfasi tiegħi).

Ġesù qal li "*gwerer, u xnigħat ta' gwerer*" mhumiex sinjali *tat-tmiem* imma *tal-bidu*, żmien twil qabel ir-ritorn eventwali Tiegħu. L-istess versi 9 sa 14 iwissu

dwar il-miġja ta' profeti foloz li jqarrqu b'ħafna nies, "*Imma min jibqa' jżomm sa l-aħħar, dan isalva.*" (Din l-istqarrija tindika li jkun ftit taż-żmien qabel it-tmiem ladarba d-dixxipli ta' Ġesù għandhom "iżommu" sa ma dan jiġri.

Iżda, l-aktar li għandu jintqal fost kollox, huwa li Ġesù għallem li ma jkun hemm ebda sinjali jiffiguraw it-tmiem:

> "*Imbagħad jekk xi bniedem jgħidilkom: "ara, hawn," jew "hemm, hu Kristu," la temmnuħx. Għax iqumu Kristijiet foloz, u juru sinjali kbar u għeġubijiet, biex, jekk jista' jkun, iqarrqu bilmaħturin ukoll. Ara, jien għidtilkom minn qabel, Jekk mela jgħidulkom: "Ara, qiegħed fid-deżert," la toħorġux; "Ara, qiegħed fil-kmamar ta' ġewwa," la temmnux dan*" (Mattew 24:23-26).

Ġesù ta prova sempliċi: Kull meta xi ħadd jipprova jbassar iż-żmien tal-miġja Tiegħu, "LA TEMMNUĦX." Dan mhuwiex intenzjonat biex jipproduċi xettiżmu li Ġesù għandu jerġa' jiġi, imma sempliċiment biex jenfasizza l-verità kbira li "*dwar dak il-jum ħadd ma jaf.* Biex aħna ma nħallu lil ħadd iqarraq bina!

Ebda wieħed ħlief Alla waħdu ma jaf meta Ġesù se jiġi. Vers 36 forsi huwa l-vers tal-qofol għall-kapitlu kollu:

> *"Imma dwar dak il-jum u dik is-siegħa ma jafhom ebda bniedem, le, lanqas l-anġli tas-sema, ħlief Missieri waħdu."*

Versi 36 sa 44 jagħtu prova illi r-riferenzi għaż-żmien f'versi 4 sa 35 ma japplikawx għat-tieni miġja ta' Kristu imma għall-qirda tat-tempju f'Ġerusalem. Il-qirda tat-tempju tista' faċilment tkun imbassra imma t-tieni miġja ta' Kristu ma tistax imma tiġi "*bħall-ħalliel*," għal għarrieda u mingħajr twissija (ara 1 Tessalonikin 5:1-4 li jagħmel l-istess punt).

Fid-dawl tal-kliem ta' Ġesù, hija waħda mill-aktar attivitajiet prużuntużi li tipprova tbassar iż-żmien tar-ritorn ta' Kristu! Alla **waħdu** jaf meta Ibnu jiġi lura. Ebda bniedem li jipprova jgħid, kif xi wħud jagħmlu llum, ma jaf. Dawk li jgħidulna li l-miġja ta' Kristu "daqlwaqt" tkun ma jafux. Fil-fatt, l-enfasi fuq *iż-żmien* tar-ritorn ta' Ġesù hija għal kollox *enfasi falza*. Eżattament meta Ġesù jerġa' jiġi mhijiex l-aktar ħaġa importanti li tkun taf. L-aktar ħaġa importanti li tkun taf hija jekk intix jew m'intix *lest Għalih li jiġi!* Jekk inti lest jew lesta, ma jkun jimporta xejn meta Hu se jiġi. Jekk inti m'intix lest, li tkun kapaċi tbassar id-data ta' meta Ġesù ġej ftit li xejn jista' jkun ta' għajnuna għalik, ukoll kieku ħaġa bħal din kienet possibbli. L-importanza li tkun lest hija l-enfasi ta' dan il-porzjon kbir ta' l-Iskrittura Mqaddsa.

Ġesù qal tliet parabboli li ma jintesewx dwar il-qaddejja fidili u dawk mhux fidili (jiġifieri, dawk lesti u dawk li mhumiex lesti, [Mattew 24:45-51]), dwar ħames verġni għaqlin u ħamsa boloh (Mattew 25:1-13), u dwar l-użu tat-talenti (Mattew 25:14-30), kollha

kemm huma mfassla biex iwasslu l-verità li aħna għandna nkunu lesti ħalli nagħtu kont *f'kull ħin lill-Mulej u s-Sid tagħna*. Xejn aktar ma jimporta, l-inqas fost kollox l-abbiltà li tbassar iż-żmien tal-miġja Tiegħu.

Wara li Ġesù wissa lid-dixxipli Tiegħu li jkun hemm ħafna "twissijiet foloz" li għandhom ikunu njorati, Hu qalilhom,

> "*Għax bħalma l-berqa tiġi mil-lvant, u tidher ukoll mill-punent; hekk ukoll tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem*" (Mattew 24:27).

Il-miġja ta' Ġesù tkun tiddi u ovvja daqs il-beraq, tidher ċara għal kulħadd. Ma hemm ebda bżonn biex tħares għal "sinjali" speċjali jew li tisma' għall-"profeziji" ta' dawk iddiżgwidati. Sempliċiment kun fidil lejn Ġesù u stenna. Meta Hu jiġi, dan inti tkun tafu u tifraħ!

## KONLUŻJONI

Dawn il-veritajiet huma ċari dwar Mattew 24. It-tempju issa kien meqrud. L-Evanġelju qiegħed ikun meħud ma' kullimkien. Ġesù ġej. Hemm biss mistoqsija *waħda* ta' importanza kbira: Tinsab int lest?

# “META JIĠRU DAWN IL-ĦWEJJEĠ?”
# Mark 13
# (It-tieni parti)

Mark 13 huwa wieħed mill-aktar kapitli diffikultużi fit-Testment il-Ġdid. Huwa wieħed mill-aktar kapitli kollu kemm hu Lhudi fil-Bibbja kollha. Mill-bidu sat-tmiem, Ġesù huwa kkonċernat bl-istorja Lhudija u bl-ideat Lhud. Għal kemm-il darba fil-kapitlu termini Lhud huma wżati u stampi Lhud huma mpinġija li huma strambi kif ukoll mhumiex magħrufa għalkollox għall-moħħ modern tagħna.

## I. IT-TQEGĦID
## (Mark 13:1-2)

Ġesù u l-appostli Tiegħu kienu għadhom kif għad-dew mit-tempju f’Ġerusalem għall-aħħar darba u kie-nu telgħin fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ, li pprovdiet veduta ta’ l-għaġeb tat-tempju. F’din it-tqegħida jiftaħ Mark kapitlu 13. Mark igħid,

> “*U hu u ħiereġ mit-tempju, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: “Mgħallem, ara x’ġebel kbir u x’bini hawn! U Ġesù wieġeb, u qallu: Tara int dal-bini kbir? Ma titħalliex ħaġra fuq oħra, li ma tin-ħattx*” (Mark 13:1, 2).

Kif diġà rajna aktar qabel fl-istudju dwar Mattew kapitlu 24, il-kostruzzjoni fuq dan it-tempju kienet bdiet għal madwar 20 Q.K. u ma kinetx kompluta fiż-żmien ta' Ġesù. L-istoriku Lhudi, Josephus, li kiteb fl-ewwel seklu, iddeskriva t-tempju fil-kitba tiegħu. Hu qal li xi wħud mill-ġebel fit-tempju kien madwar tliet metri tul, ftit aktar minn metru għoli u tliet metri u nofs wiesa'. Kien il-kobor immens ta' dan il-ġebel li qanqal lil l-appostli biex igħidu, "Ġesù, ara x'ġebel kbir fit-tempju. Tabilħaqq, hija struttura ta' l-għaġeb." Josephus wara qal lit-tempju mill-bogħod kien jidher bħall-muntanja miksija bis-silġ għaliex il-parti tat-tempju li ma kientx miksija bid-deheb kienet bajda tiddi. Wieħed kien jibqa' mistagħġeb hekk kif kien iħares lejn dik il-veduta minn xi kilometri 'l bogħod.

It-tempju f'Ġerusalem kien jidher li huwa l-quċċata ta' Arti u kisba umana. Billi kien tant kbir u solidu, kien jidher li kien se jibqa' jżomm għal dejjem. Imma Ġesù, fil-versi tal-ftuħ ta' Mark kapitlu 13, għamel l-istqarrija ta' l-għaġeb li l-jum kien qiegħed joqrob meta lanqas ġebla waħda fuq dak it-tempju ma tibqa' mhux maqluba. F'inqas minn 40 sena, fis-sena 70 W.K., kif il-ġeneral Ruman Titu qered il-belt ta' Ġerusalem, din il-profezija ta' Ġesù saret realtà, twettqet.

## II. IS-SINJALI TAL-WAQA' TA' ĠERUSALEM (Mark 13:3-31)

Kif Ġesù u l-appostli waslu fil-Muntanja taż-Żebbuġ l-appostli staqsew lil Ġesù dwar l-istqarrija Tiegħu. Huma kienu tassew ikkonċernati dwar il-qirda ta'

Ġerusalem li Ġesù kien bassar. Pietru, Ġakbu, Ġwanni, u Indri ġew għand Ġesù privatament u staqsewh,

> "*Għidilna, meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sinjal meta dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħ*" (Mark 13:3-4).

Aħna lkoll nifhmu kemm hu diffiċli għalina ta' dan is-seklu li nimmaġinaw il-ħasda kbira li ħadu dawn l-appostli meta Ġesù bassar li dan it-tempju hekk maestuż u kull ġebla li kien fih tkun meqruda. Minħabba l-għana kbira, ġmiel, u sinjifikat tiegħu, it-tempju kien ikkunsidrat mil-Lhudi li huwa sod daqs id-dinja nfisha.

Huwa interessanti li fil-kapitlu parallel, Mattew 24, l-appostli staqsew lil Ġesù t-tielet mistoqsija:

> "*X'ikun is-sinjal tal-miġja tiegħek, u ta' tmiem id-dinja?*" (Mattew 24:3b).

Ma tkunx xi ħaġa stramba għal l-appostli li jistaqsu lil Ġesù kemm dwar il-qirda tat-tempju u t-tmiem tad-dinja fl-istess konverżazzjoni. L-appostli, wisq probabbli, għaqqdu t-tmiem tan-nazzjon Lhudi mat-tmiem tad-dinja. Huma emmnu lit-tmiem tad-dinja u t-tmiem tan-nazzjon Lhudi kellhom jiġu fl-istess żmien. Din hija, apparentament, ir-raġuni li Mark u Luqa jħallu barra l-mistoqsija dwar it-tmiem tad-dinja waqt li Mat-tew jippriservaha. Meta l-appostli qalu, "Meta Ġerusa-lem tkun meqruda? Meta n-nazzjon Lhudi jispiċċa? Meta t-tempju jkun meqrud?" huma kienu, għallanqas, qegħdin jistaqsu wkoll f'moħħhom, "Meta jiġi t-tmiem tad-dinja?" Dan kien għaliex it-tmiem tat-

tempju u ta' Ġerusalem għalihom kien jista' jfisser it-tmiem tad-dinja wkoll!

Fit-tweġiba li Ġesù ta għal dawn il-mistoqsijiet, żewġ temi huma realment imdaħħla f'xulxin. Hawn huwa fejn toħroġ fil-beraħ id-diffikultà ta' li tinterpreta Mark 13, Mattew 24, u Luqa 21. Fit-tweġiba ta' Ġesù temi huma mdaħħla flimkien, il-profeziji Tiegħu dwar il-qirda ta' Ġerusalem u t-twissijiet tiegħu dwar it-tieni miġja Tiegħu.

Huwa ċar biżżejjed li Ġesù intenzjona l-qirda ta' Ġerusalem biex tissimbolizza l-qirda tad-dinja u t-tieni miġja Tiegħu. Ġesù għandu jiġi fil-ġudizzju fuq Ġerusalem; Hu jiġi għat-tieni darba fit-tmiem tal-ħwejjeġ kollha. Ħaġa waħda tiffigura u turi għal l-oħra. Meta aħna nersqu jew navviċinaw Mark 13, Mattew 24, u Luqa 21 b'dan l-għarfien, ħafna stqarrijiet oskuri jsiru aktar ċari.

Ġesù beda t-tweġiba Tiegħu għall-mistoqsijiet ta' l-appostli f'vers 5:

> "*Weġibhom Ġesù, u beda jgħid: Araw illi ħadd ma jqarraq bikom: Għax ħafna jigħidu: Jien hu Kristu; u jqarrqu b'ħafna. U meta tisimgħu bi gwerer u għidut ta' gwerer, la titħawdux: għaliex jaħtieġ li ħwejjeġ bħal dawn jiġru: iżda t-tmiem ikun għadu ma wasalx. Għax ġens iqum għal ġens, u saltna għal saltna: u jkun hemm theżhiż ta' l-art f'ħafna nħawi, u jkun hemm ġuħ u tixwix: dawn il-ħwejjeġ huma l-bidu tal-wegħgħat*" (Mark 13:5-8).

Ġesù qal illi ż-żmien li jkun qabel il-qirda ta' Ġerusalem ikun żmien ta' taħwid. Ikun hemm Messijiet foloz li jgħidu li huma Kristu. Ikun hemm gwerer u għidut ta' gwerer. Ikun hemm ġlied nazzjonali. L-istorja tirreġistra numru ta' rewixti, gwerer, u rvellijiet matul dan il-perjodu ta' żmien, mhux biss fil-Palestina iżda madwar id-dinja Rumana kollha. Rewixta oħra f'Selucia irriżultat fl-imwiet ta' ħamsin elf Lhudi. Rewixta oħra fiċ-Ċesarija qatlet għoxrin elf Ludi ftit wara dan iż-żmien.

Ġesù qal li jkun hemm theżhiż. Fi żmien erbgħin sena, id-dinja Rumana kienet imwerwra bit-terremot terribbli li witta l-belt ta' Laodikija. Huma baqgħu miblugħa bl-iżbroff tal-Vesuvju li difen Pompej fil-lava li din baqgħet miksija għalkollox għal sekli sħaħ.

Ġesù bassar ukoll ġuħ. Kien hemm, skond l-istorja, ġuħ kbir f'Ruma matul il-jiem ta' Klawdju Ċesri. Iżda naqraw f'Mattew 24:8 fejn Ġesù, wara li semma dawn il-ġrajjiet kollha li kellhom jiġru, qal,

"*Imma ftakru, dan hu biss il-bidu.*"

Ġesù kompla biex jagħti twissijiet ta' persekuzzjonijiet li kellhom jiġu. Hu qal,

> "*Imma ħarsu lilkom infuskom: għax jagħtukom f'idejn il-kunsilli; u tissawtu fis-sinagogi; u tinġiebu quddiem ħak-kiema u slaten minħabba fija, b'xhieda għalihom. U l-Evanġelju għandu l-ew-wel jixxandar lill-ġnus kollha. Iżda me-ta jeħdukom, u jagħtukom f'idejhom, la toqgħodux*

*taħsbu minn qabel x'sejrin tgħidu, u lanqas titħassbu minn qabel: iżda tkellmu dak kollu li jingħatalkom f'dak il-waqt: għax ma tkunux intom li titkellmu, iżda l-Ispirtu s-Santu*" (Mark 13:9-11).

Dan il-paragrafu ċertament li kien indirizzat lil l-appostli. Ir-riferenza li huma jkunu meħuda quddiem is-sinagogi turi jew tindika li dan kellu jkun imwettaq fil-jum u fiż-żmien meta s-sinagoga kienet il-post tal-qima Lhudija. Ġesù tkellem dwar persekuzzjonijiet oħra li kellhom jiġu. Hu qal,

"*Intom tkunu mogħtija f'idejn il-kunsilli*" (Mark 13:9)

li jindika l-kunsilli Lhud. Hu semma li huma jieqfu quddiem gvernaturi u slaten, li hija riferenza għat-tiġrib Ruman li kellhom jiffaċċjaw, l-istess bħat-tiġrib ta' Pawlu quddiem Feliċ, Festu, u Agrippa. Ġesù qal ukoll f'dawk ġewwa l-familja ta' xi wieħed xi darba jkun hemm min jittradixxi. Ġesù żied li l-Kristjani jkunu mibgħuda min-nies kollha minħabba Fih. Iżda f'din it-taqbida, kif fit-taqbid l-ieħor kollu, Ġesù qal,

"*Iżda min iżomm qawwi sa l-aħħar, dan ikun salvat*" (Mark 13:13).

It-tmiem hawn ma jfissirx it-tmiem tan-nazzjon Lhudi, iżda t-tmiem tal-ħajja ta' l-individwu. Il-ħajja Kristjana mhijiex ġirja maratona. Mhijiex battalja waħda. Hija kampanja mtawla. Hawn biss dak li jżomm sa l-aħħar li jkun salvat.

G. J. Jeffrey jgħid dwar raġel famuż li rrifjuta li jkollu l-bijografija tiegħu miktuba waqt li kien għadu ħaj. Ir-raġel qal, “Jiena rajt ħafna nies iċedu fl-aħħar dawra tat-tellieqa. Wieħed qatt mhu fiż-żgur sakemm jilħaq it-tmiem tal-vjaġġ tiegħu. Ġesù qal, “Huwa l-bniedem li jżomm qawwi sa l-aħħar li jkun salvat.”

Ġesù żied, jidher kważi f’mod ta’ parentesi, f’vers 10 li l-Evanġelju għandu jkun ippridkat lill-ġnus koll-ha qabel ma Ġerusalem tkun meqruda. Madwar tletin sena wara din il-konverżazzjoni ta’ Ġesù f’Mark 13, l-appostlu Pawlu kien jista’ jikteb lill-Kristjani ta’ Kolo-ssin 1:25-28 li l-Evanġelju kien, fil-fatt, imxandar lill-ħolqien kollu taħt is-sema, b’hekk juri li sa kmieni s-sena 60 W.K. din il-profezija kienet imwettqa.

Fil-versi ta’ wara, Mark 13:14-19, Ġesù bassar xi wħud mit-terruri tal-biża’ ta’ dawk l-assedji finali u l-waqa’ ta’ Ġerusalem. Ġesù qal,

> “*Iżda meta taraw il-għajb tal-ħerba, tat-tempju fejn ma għandhiex tkun, ħa jif-hem min jaqra!—imbagħad dawk li jkunu fil-Lhudija ħa jaħarbu fuq il-muntanji: U min ikun fuq il-bejt ħalli ma jinżilx, u lanqas jidħol ġewwa, biex jieħu xi ħaġa mid-dar: U min ikun fil-għalqa ħalli ma jmurx lura biex jieħu lbiesu. Iżda jaħasra, għall-ħbiela, u għal dawk li jreddgħu f’dawk il-jiem! U itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa. Għax f’dawk il-jiem ikun hemm għali, li bħalu mill-bidu tal-ħol-*

*qien li ħoloq Alla s'issa qatt ma kien hemm, u lanqas ikun hemm.*"

Ġesù wissa li meta n-nies jaraw l-ewwel sinjali ta' l-attakk fuq Ġerusalem li kien fil-qrib huma għandhom jaħarbu malajr minn dik il-belt. M'għandhom lanqas biss ma jittardjaw biżżejjed biex jieħdu lbieshom jew biex iġibu ħwejjiġhom. Iżda, fil-fatt, in-nies għamlu eżattament l-oppost. Meta raw l-attakki mir-Rumani ġejjin fuq Ġerusalem huma lkoll ġrew għal ġol-belt. Il-mewt ġiet f'modi li huma wisq tal-biża' li jkunu msemmija.

F'vers 14, Ġesù semma l-għajb tal-ħerba. Din il-frażi ġrat oriġinarjament fil-ktieb ta' Danjel. Danjel semma l-għajb tal-ħerba li dlonk kellha tiġi fuq Ġerusalem, apparentament jirreferi għal azzjonijiet ta' mex-xej Grieg u sultan fis-sena 167 Q.K., ħafna snin qabel il-kitba tat-Testment il-Ġdid. Mexxej u sultan Grieg bl-isem ta' Antjoku Epifani ġie f'Ġerusalem u waqqaf altar pagan fil-post tat-tempju. Hemm huwa ssagrifika ħanżir lil alla Grieg, Żews. Danjel sejjaħ l-azzjoni ta' Antjoku Epifani "*l-għajb li jġib il-ħerba*" (Danjel 12: 11). Ġesù uża l-istess frażi biex jipprofetizza li dak it-tip ta' għajb li darba pprofana lil Ġerusalem jerġa' jiġri.

Luqa, fir-rakkont parallel tiegħu f'kapitlu 21, jagħmilha ċara li l-ħerba li rrifera għaliha Ġesù kellha x'ta-qsam ma' l-armati Rumani li kienu se jassedjaw lil Ġerusalem. Luqa 21:20 juri lil Ġesù qiegħed igħid,

> *"U meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati, imbagħad kunu afu li qorbot il-ħerba tagħha."*

Fis-sena 70 W.K. Ġerusalem fl-aħħar waqgħet f'id-ejn l-armati li assedjawha ta' Titu, li dlonk kellu jsir imperatur ta' Ruma. L-orruri ta' dak l-assedju jiffurm-aw waħda mill-aktar paġni ħorox fl-istorja tal-bnied-em. In-nies iffullaw f'Ġerusalem mill-kampanja, sew-wasew l-oppost ta' dak li kien qalilhom biex jagħmlu Ġesù. Titu ma kellu ebda alternattiva ħlief li jwassal il-belt għall-ġuħ u sottomissjoni. Josephus qal l-istorja ta' dak l-assedju terribbli fix-xogħol tiegħu, *The Wars of the Jews* (Il-Gwerer tal-Lhud). Hu qal li 97,000 kienu maqbuda u 1,100,000 mietu bil-ġuħ jew bix-xabla fl-assalt fuq Ġerusalem. Hu qal lit-toroq tal-belt kienu letteralment mimlija bl-iġsma mejta u li ħafna mietu waqt li kienu fil-proċess li jidfnu oħrajn. Qal ukoll lin-nies kienu tant imwassla għal disperazzjoni minħabba l-ġuħ li kellhom li huma letteralment kienu jfittxu fil-kanali tad-drenaġġ u fil-munzelli tal-ħmieġ tal-bhejjem fi tfittxija biex isibu xi ħaġa x'jieklu. Josephus pinġa stampa ta' rġiel jogħmodu strixxi tal-ġlud u żraben. Qal ukoll storja tal-biża' ta' mara li qatlet u xwiet lit-tarbija tagħha stess u offriet parti minn dik l-ikla terribbli lil oħrajn li oħrajn li ġew qrib il-bieb tagħha jitolbuha l-ikel.

Il-profezija li għamel Ġesù f'Mark 13 dwar il-jiem tal-biża' li kienu quddiem għal Ġerusalem traġikament saret tassew. Dawk li ffullaw ġo dik il-belt għall-kenn mietu bl-eluf. Kienu biss dawk li ħadu l-parir ta' Ġesù u ħarbu fl-għoljiet tal-Lhudija li kienu salvati.

F'vers 20 Ġesù żied,

> "*U kieku dawk il-jiem il-Mulej ma qassarhomx, ebda bniedem ma kien isalva; iżda minħabba l-maħturin, li għażel, huwa qassarhom dawk il-jiem.*"

Ir-riferenza għall-maħturin hija riferenza għall-Kristjani, mhux għan-nies Lhud. Dawn il-Kristjani kienu maħtura minn Alla permezz ta' l-ubbidjenza tagħhom għall-Evanġelju. Ġesù uża t-temp passat u qal,

> "*U kieku dawk il-jiem il-Mulej ma* ***qassarhomx****, ebda bniedem ma kien isalva*" (Mark 13:20).

It-temp passat huwa profetiku. Dan jitkellem dwar xi ħaġa li Alla ordna għall-futur. Kien tant ċert li kien bħallikieku twettaq diġa'.

Alla qassar dawk il-jiem. Aħna ma nafux eżattament kif Hu għamel dan. Aħna nafu mill-istorja sekulari li minħabba materji personali li kienu qegħdin jissikkaw fuq il-parti tal-ġenerali Rumani, huma telqu malajr biex imorru lura lejn l-Italja qabel ma l-assedju attwalment kien komplut. Ġerusalem kienet meqruda, iżda n-nazzjon kollu kien għadu mhux meqrud. Dan jista' jkun mod wieħed li l-Mulej qassar il-jiem. L-istoriku, Ewsebju, waqt li kiteb xi sekli wara, qal li l-ġenerali Rumani b'sorpriża, u għal ebda raġuni apparenti, ħallew l-attakk tagħhom fejn taw lill-Kristjani li kienu f'Ġerusalem ċans li jaħarbu, u eluf minnhom ħarbu f''dak il-waqt u ħadu refuġju fl-għoljiet ta' mad-war. Ewsebju qal ukoll li lanqas Kristjan wieħed ma tilef ħajtu fl-attakk fuq Ġerusalem.

Ġesù qal lil l-appostli li Hu Nnifsu ma kienx se jidher personali fiz-zmien li Ġerusalem tkun meqruda u d-dixxipli m'għandhomx jistennewh. Fil-versi 21 sa 23 Ġesù qal,

> "*Imbagħad jekk xi ħadd jgħidilkom: Ara, hawn hu Kristu; jew, ara, hemm hu; la temmnuħx. Għax iqumu Kristijiet foloz, u profeti foloz, u juru sinjali u għeġubijiet, biex iqarrqu, jekk jista' jkun, bil-maħturin ukoll. Iżda ħarsu sewwa, ara jien għidtilkom kollox minn qabel.*"

Dawn il-versi fihom lingwa tant b'saħħitha u qawwija li ħafna jaħsbu li huma jistgħu jkunu jiddeskrivu biss it-tieni miġja ta' Ġesù meta Hu jiġi fit-tmiem tażżmien. Madankollu, meta din is-silta tkun studjata fid-dawl tal-lingwa Lhudija tradizzjonali, profetika, ikun jista' jdher ċar biżżejjed li din is-silta qed tiddeskrivi l-waqa' u t-tmiem tan-nazzjon Lhudi.

It-Testment il-Qadim spiss uża letteratura apokalittika biex jiddeskrivi diżastri nazzjonali kbar. F'din ix-xorta ta' kitba simboli familjari huma wżati ħalli jespr-imu l-qirda ta' ġnus. Lingwa apokalittika kienet magħ-rufa sewwa għall-qarrej Lhudi tat-Testment il-Qadim. Ġesù iddeskriva t-tmiem li kien fil-qrib tan-nazzjon Lhudi fl-istess lingwa lit-Testment il-Qadim uża biex jiddeskrivi l-waqa' ta' ġnus oħra. U dan hu meta ngħidu li l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha. Ħafna jagħtu interpretazzjonijiet ta' dan il-kapitlu

skond l-opinjonijiet tagħhom mingħajr ma jħallu l-Iskrittura tinterpretah hija stess.

Bħala eżempju, meta diżastru kien imdendel fuq Babel u l-Eġittu, il-profeti wżaw *l-istess* tip ta' lingwa biex jiddeskrivuh. Ikkonsidra, per eżempju, Isaija 13: 10, fejn Alla ddeskriva t-tmiem ta' Babel b'dan il-kliem:

> "*Għax il-kwiekeb tas-sema u l-għaqdiet tagħhom ma jagħtux id-dawl tagħhom: ix-xemx tiddallam hi u ħierġa, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu.*"

Fil-jiem ta' Isaija l-glorja ta' Babel kienet *tiddi* bħax-xemx, il-qamar u l-kwiekeb. Iżda Alla qal permezz ta' Isaija, "Iż-żmien ġej dalwaqt meta l-glorja ta' Babel tmut." Hu uża s-simboli tax-xemx u l-qamar li jkunu mdallma u l-kwiekeb jieqfu milli jagħtu d-dawl tagħhom biex jindika t-tmiem tan-nazzjon u l-glorja ta' Babel. Jekk l-Ispirtu s-Santu, jitkellem permezz tal-profeta Isaija, uża lingwa figurattiva bħal din biex jiddeskrivi l-waqa' ta' nazzjon pagan bħal Babel, li ma kienx jaf lil Alla, kemm aktar l-Ispirtu s-Santu juża l-istess xorta ta' lingwa figurattiva biex jiddeskrivi l-waqa' u t-tmiem tan-nazzjon Lhudi, il-poplu magħżul Tiegħu.

Dwar l-Eġittu, Eżekjel kiteb f'kapitlu 32:7-8,

> "*U meta nitfik, ngħatti s-smewwiet, u ndallam il-kwiekeb tagħhom; ngħatti x-xemx bi sħaba, u l-qamar ma jagħtix dawlu. Id-dwal kollha tas-sema ndal-*

*lam fuqek, u nitfa' d-dlam fuq artek, jgħid Sidi l-Mulej.*"

Din il-ġabra ta' illustrazzjoni bi xbihat tax-xemx, qamar, u kwiekeb ikunu mdallma kienet użata mill-profeta Eżekjel biex turi t-tmiem tal-glorja ta' l-Eġittu.

Din hija letteratura apokalittika, letteratura tesprimi l-mewt ta' nazzjon permezz ta' l-użu ta' simboli naturali. Dak huwa preċiżament dak li nsibu f'Mark, kapitlu 13. Meta Ġesù qal f'versi 24 u 25,

"*...ix-xemx tiddallam, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu u l-kwiekeb tassema jaqgħu u l-qawwiet li huma fis-smewwiet jitheżhżu,*"

Hu uża lingwa apokalittika biex jgħid, "it-tmiem tan-nazzjon Lhudi u l-glorja tiegħu huma qrib. It-tmiem ġej," bħallikieku l-univers kollu kien se jinqered. Tinsiex, li Ġesù għex u miet fl-epoka Lhudija. Ġesù baqa' juża l-istess lingwaġġ biex jiddeskrivi ċerti ħwejjeġ ħalli l-Lhud jifhmu eżatt dak li Hu ried ifissrilhom. Għalhekk, aħna ta' dan is-seklu li qegħdin fih issa, hekk ikollna xi diffikultà f'li nifhmu x'ried ifisser Ġesù b'dik il-lingwa apokalittika, għandna mmorru lura u naraw kif kienet tintuża u għal liema skop.

Imma xi ngħidu dwar versi 26 u 27?

"*Imbagħad jaraw 'il Bin il-bniedem ġej fis-sħab b'qawwa kbira u glorja. U mbagħad jibgħat l-anġli tiegħu, u jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf l-art sa tarf is-sema.*"

Ħafna kummentaturi ħaduha bħala ħaġa żgura li l-espressjoni "ġej fis-sħab" irreferiet għall-miġja ta' Ġesù fit-tmiem taż-żmien. Studju bil-għaqal ta' l-Iskrittura, iżda, għandu juri li din mhix neċessarjament l-interpretazzjoni. Espressjoni li tixbaħ lil din tinsab f'Isaija 19:1. Isaija kiteb,

> "*…Ara, il-Mulej riekeb fuq sħaba ħafifa, sa jidħol l-Eġittu: u l-idoli ta' l-Eġittu jitriegħedu, quddiemu, u qalb l-Eġittu tinħall ġo fih.*"

Għalkemm din is-silta titkellem fuq il-Mulej riekeb fuq sħaba, aħna nafu li l-Eġizzjani ma rawx lil Ġesù jew lil Alla f'mod personali f'dak li l-Eġittu esperjenza l-ġudizzju ta' Alla. Il-Mulej riekeb fuq sħaba sempli-ċiment jindika l-miġja Tiegħu fil-ġudizzju kontra n-nazzjon ta' l-Eġittu, l-istess kif id-dehra Tiegħu fuq is-sħab tas-sema hawn, jiġifieri, f'Mark 13:26-27, indikat il-miġja Tiegħu fil-ġudizzju kontra n-nazzjon Lhudi.

Ir-riferenza għall-anġli f'vers 27 ma tirreferix neċes-sarjament għat-tieni miġja. Il-kelma Griega għal *anġli* hija *aggelos* li spiss fit-Testment il-Ġdid tirreferi għall-messaġġiera umani kif ukoll għall-messaġġiera tas-se-ma. Meta Ġesù ried jagħmel riferenza għal l-anġli tas-sema Hu tkellem ċar dwar dawn fejn qal:

> "*lanqas l-anġli **fis-smewwiet***" (Mark 13:32; enfasi tiegħi. Ara wkoll Mark 12:25).

Huma ħafna li kull fejn jaraw il-kelma "anġlu" jew "anġli" fl-Iskrittura dawn mill-ewwel japplikawha

għall-anġli tas-sema bħala spirti. Dan hu żball kbir. Luqa 24 tirreferi għall-messaġġiera ta' Ġwanni ġejjin għand Ġesù, u l-istess kelma hija wżata fil-Grieg. Il-messaġġiera ta' Ġwanni, ir-rappreżentanti ta' Ġwanni, huwa mfisser hawn. F'Mark 13:27, fejn Ġesù qal,

> "*U mbagħad jibgħat l-anġli tiegħu, u jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf l-art sa tarf is-sema,*"

Hu rrifera għal l-evanġelizzazzjoni ta' Ġesù minn messaġġiera umani. Il-qirda ta' Ġerusalem tagħti sinjal ta' tmiem ta' perjodu wieħed ta' żmien meta x-xogħol ta' Alla kien il-biċċa l-kbira llimitat għal nażżjon wie-ħed, dak Lhudi. Dan iħabbar it-tmiem ta' dik l-eopka u l-bidu ta' perjodu ieħor ta' żmien li fih il-maħturin ta' Alla, il-Kristjani, ikun magħmul min-nies mill-ġnus kollha taħt is-sema. Il-maħturin ikunu miġbura mill-erbat irjieħ, minn tarf ta' l-art sa tarf is-sema. Kristjani jidħlu fis-saltna minn kull direzzjoni. Il-Mulej uża l-istess xorta ta' espressjoni b'riferenza għall-universa-lità ta' l-Evanġelju meta qal f'Luqa 13:29,

> "*U jiġu mil-lvant u mill-punent, u mit-tramuntana, u min-nofsinhar, u joqgħo-du fuq il-mejda fis-saltna ta' Alla.*"

L-espressjoni rriferiet għall-kobor tal-knisja, mhux għat-tmiem tad-dinja.

Il-qirda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K. minn Titu tissimbolizza l-qirda tal-ħwejjeġ kollha fit-tmiem taż-żmien. Forsi dan hu għaliex Ġesù għażel li juża

lingwa bħal dik li uża. Fit-tieni miġja u fit-tmiem tad-dinja jkun hemm twettiq letterali tal-profeziji li Ġesù qal f'Mark 13. Kif ipoġġiha l-appostlu Pietru fit-2 Pietru 3:10,

> "*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-għemejjel ukoll li fiha jinħarqu.*"

L-appostlu Pawlu, waqt li qiegħed jikteb lit-Tessalonikin dwar it-tieni miġja, iddeskriviha bħala ħin meta l-Mulej Ġesù jkun irrevelat mis-sema f'nar iħeġġeġ ma' l-anġli setgħana Tiegħu. Hu jikkastiga lil dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu (2 Tessalonikin 1:7-9). Il-qirda ta' Ġerusalem issimbolizzat dawn il-ġrajjiet kif turi biċ-ċar il-lingwa f'Mark kapitlu 13. It-tieni miġja ma kinetx it-tifsira mmedjata, imma t-tifsira simbolika mifruxa ta' dak li qal Ġesù.

Ġesù spiċċa din is-sezzjoni dwar il-qirda ta' Ġerusalem b'lezzjoni mis-siġra tat-tin. Hu qal f'versi 28 u 29,

> "*Issa mis-siġra tat-tin itgħallmu parabbola: Meta l-fergħa tagħha tkun għadha ratba, u toħroġ il-weraq, intom tafu li s-sajf wasal: Hekk intom ukoll, meta taraw dawn il-ħwejjeġ jiġru, kunu afu li qorob, fejn il-bibien.*"

Ġesù kien qiegħed jgħid li n-nies jistgħu jagħrfu l-ġrajjiet ordinarji tal-ħajja bis-sinjali li huma josservaw

fid-dinja naturali. Per eżempju, meta taraw is-siġra tat-tin toħroġ il-weraq huma jkunu jafu lis-sajf qorob. Fl-istess mod, meta n-nies jaraw l-armati Rumani ġejjin lejn Ġerusalem, huma jkunu jafu lit-tmiem tan-nazzjon Lhudi qiegħed qrib.

Ġesù qal li ħafna li semugħ jgħidu dan il-kliem ikunu għadhom ħajjin meta Ġerusalem kellha taqa'. **L-istqarrija Tiegħu f'vers 30 hija r-raġuni prinli li aħna ma nistgħux ngħidu li Ġesù kien qiegħed jitkellem dwar it-tmiem tad-dinja**. Innota vers 30:

> "*Tassew ngħidilkom, li dan in-nisel (ġenerazzjoni) ma jgħaddix, sa ma jiġru dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

Imbagħad Ġesù żied f'vers 31:

> "*Is-sema u l-art igħaddu: iżda kliemi ma jgħaddix.*"

Ġerusalem tkun meqruda f'dik il-ġenerazzjoni jew nis-el. Aktar wara, fiż-żmien li jrid Alla, diżastru saħan-sitra bil-wisq akbar jiġri kif Ġesù jerġa' jiġi u s-sema u l-art infushom ikunu meqruda. Iżda l-kliem ta' Ġesù matul dawn id-diżastri kollha jibqa'.

## III. IT-TIENI MIĠJA (Mark 13:32-37)

Fis-sezzjoni ta' l-għeluq tal-kapitlu, Ġesù ta twiddiba u twissija lid-dixxipli dwar il-jum finali u t-tmiem tad-dinja. Meta jiġri dan? Id-dinja ma tispiċċax meta Ġerusalem tkun meqruda, kuntrarju għal dak li l-Lhud kienu jaħsbu jew jistennew. Imma t-tmiem tad-

dinja jiġi f'xi żmien fil-futur, f'jum u f'siegħa magħrufa biss minn Alla. Ġesù qal,

> "*Imma b'dak il-jum u b'dik is-siegħa* ***ħadd*** *ma jaf, le, lanqas l-anġli fis-smewwiet, lanqas l-Iben, iżda l-Missier.*
>
> *Għassu, ishru, u itolbu: għax ma tafux meta jkun iż-żmien. Għax Bin il-bniedem hu bħal bniedem li sejjer isiefer għal bogħod, u ħalla 'l daru, u ta s-setgħa lill-qaddejja tiegħu, lil kull wieħed xogħolu, u qabbad lil tal-bieb igħasses. Ishru, mela: għax ma tafux meta sid id-dar jiġi; filgħaxija, jew f'nofs il-lejl, jew x'ħin jidden is-serduk, jew filgħodu: Li ma jiġix għal għarrieda, u jsibkom reqdin. U dak li qiegħed ngħidilkom, ngħidu lil kul-ħadd: Ishru*" (Mark 13:32-37).

Ġesù qal li wkoll Hu (bħala bniedem) ma jafx is-siegħa u l-jum meta Hu jerġa' jiġi. Kien hemm xi veritajiet li Ġesù kien irid li jħalli fil-moħħ u f'idejn Alla. Ma jistax ikun hemm twissija aktar qawwija u aktar ċara għal dawk tal-lum li jinsistu li jiffurmaw tabelli ta' żmien jew dati għat-tieni miġja ta' Ġesù Kristu! Trid tkun tassew prużuntuż biex tabbuża tbassar iż-żmien ta' meta Ġesù Kristu għandu jerġa' jiġi! Ġesù qal, "*l-anġli tas-smewwiet ma jafux; Jien ma nafx; Alla biss jaf.*" Iżda ħafna li huma prużuntużi llum jafu! L-aħħar assigurazzjoni li inti jista' jkollok meta

taqra t-tbassir ta' xi wħud mill-profeti moderni ta' l-aħħar jiem hija din il-kelma minn Ġesù.

Minn dan kollu, Ġesù ġibed konklużjoni prattika waħda. Hu qal, "Aħna bħal nies li jafu li sidhom għandu jiġi imma ma nafux meta." Aħna ngħixu fid-dell ta' l-eternità. Dan ifisser li aħna għandna ngħixu b'tali mod li tabilħaqq ma jimpurtax meta Ġesù jerġa' jiġi. Il-ħajja kollha hija żmien ta' preparazzjoni biex niltaqgħu mas-Sultan tagħna. Ġesù kkonkluda billi qal,

> "*U dak li qiegħed ngħidilkom, ngħidu lil kulħadd: Ishru*" (Mark 13:37).

## KONKLUŻJONI

L-istess kif kliem Ġesù dwar il-qirda ta' Ġerusalem kien imwettaq, hekk ukoll tkun imwettqa l-wegħda Tiegħu dwar it-tieni miġja Tiegħu. Il-qirda ta' Ġerusalem kienet il-ġudizzju ta' Alla fuq in-nazzjon Lhudi minħabba r-riġettar tagħhom ta' Ġesù bħala l-Messija.

Ġesù reġa' ġej, f'siegħa u f'jum mhux magħrufa mill-bnedmin. Billi ma nafux is-siegħa u l-jum, u ma nistgħux inkunu nafuhom, aħna għandna dejjem inkunu lesti għal dan.

Lest int għal dak il-jum biex jiġi? L-istorja sejra xi mkien. L-istorja kollha tal-bniedem hija mmirata lejn dik is-siegħa "X" meta Ġesù jinżel mis-sema ma' l-anġli Tiegħu, bit-tromba ta' Alla, u l-għajta ta' l-arkanġlu. X'se jkun għalik meta dik is-siegħa "X" tiġi?

## KIF GĦANDEK TKUN LEST META JIĠI ĠESÙ
## Mattew 24:45—25:30
## (It-tielet parti)

Ġesù jgħid,

> "*Min mela hu qaddej fidil u għaqli, li sidu qiegħdu fuq in-nies tad-dar tiegħu, biex jagħtihom l-ikel fl-waqt? Imbierek dak il-qaddej, li x'ħin jiġi sidu jsibu jagħmel hekk. Tassew ngħdilkom: Iqiegħdu fuq ġidu kollu….*" (Mattew 24:45—25:30).

Dwar iż-żmien tat-tieni miġja Tiegħu, kif diġa' rajna, Ġesù qal,

> "*Imma dwar dak il-jum u dik is-siegħa ma jafhom ebda bniedem, le, lanqas l-anġli tas-sema, ħlief il-Missier waħdu*" (Mattew 24:36).

Ir-ritorn ta' Ġesù jkun għal kollox mhux mistenni u ma jistax ikun imbassar. Billi ma nistgħux ngħidu

minn qabel *meta* Ġesù se jiġi, l-unika triq raġjunevoli ta' azzjoni hija *li nkunu lesti l-ħin kollu:*

> "*Ishru mela: għax ma tafux f'liema siegħa għandu jiġi Sidkom. Iżda kunu afu dan: li kieku sid id-dar kien jaf f'liema sahra kellu jiġi l-ħalliel, kien jishar, u ma kienx iħalli daru tinfetaħ. Għalhekk intom ukoll kunu mhejjin: għax fis-siegħa li ma taħsbux fiha jiġi Bin il-Bnieden*" (Mattew 24:42-44).

Il-kelma Griega għall-kelma "Ishru" hija *gregoreo* li tfisser letteralment, "ibqa' mqajjem." Figurattivament, din tfisser li tibqa' għal lest, bħal kif suldat ikun fuq l-għassa. Biex isaħħaħ din il-verità kbira, Ġesù qal serje ta' parabboli f'Mattew 24:45—25:30. Dawn huma l-Parabboli tal-Qaddej il-fidil u l-Qaddej Mhux fidil, il-Parabbola ta' l-Għaxar Verġni, u l-Parabbola tat-Talenti.

Dawn il-parabboli kbar mhux biss jgħidulna li aħna neħtieġu li *nkunu* lesti meta jiġi Ġesù, imma *kif* għandna nkunu lesti meta Hu jiġi.

## KUN FIDIL

Il-parabbola tal-Qaddej Fidil u l-Qaddej Mhux Fidil iġġiegħelna li nkunu fidili. F'din il-parabbola (Mattew 24:45-51) sid għani jitlaq minn daru, fejn iħalli qaddej fidil fl-inkarigu ta' daru. Il-qaddej għaqli u fidil, qal Ġesù, ikun imbierek meta sidu jiġi lura, jekk hu jsibu jagħmel dak li jaf li għandu jagħmel, ikun fidil għall-inkarigu tiegħu:

> "*Iqiegħdu fuq ġidu kollu*" (Mattew 24: 47).

Min-naħa l-oħra, jekk dak il-qaddej abbuża mill-awtorità u l-privileġġ tiegħu, huwa jkun ikkastigat ħafna meta sidu jiġi lura:

> *[Hu] jkun "imqatta' bċejjeċ u jagħtih sehmu ma' l-ipokriti: hemm ikun hemm biki u tgħażgħiż tas-snien*" (Mattew 24:51).

Innota li fil-parabbola mhuwiex sempliċiment li l-qaddej ma jagħmilx xogħol tajjeb, imma hu b'mod deliberattiv jirrifjuta li jagħmel dak li huwa jaf li għandu jagħmel għaliex "*Sidi jiddawwar ma jiġi*" (Mattew 24:48). Dan hu jużah bħala skuża għall-imġieba ħażina tiegħu.

Naturalment, il-parabbola tapplika għall-fedeltà u għan-nuqqas ta' fedeltà tal-qaddejja ta' Kristu llum u dejjem. U mhijiex il-problema tagħna bin-nuqqas ta' fedeltà l-istess kif inhi fil-parabbola? Ma *nafux* aħna x'għandna nkunu qegħdin nagħmlu sabiex inkunu fidili lejn il-Mulej tagħna? Il-problema rari tkun nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-responsabbiltajiet tagħna. darba predikatur mar iżur familja li fiha l-omm u l-ulied kienu jattendu s-servizz tal-knisja regolarment. Ki hu kien dieħel, iltaqa' mal-missier, li kien qiegħed jaħdem fuq il-karozza tiegħu. Malli r-raġel induna li l-ieħor kien predikatur beda jġib ħafna skużi għaliex ma attendix għas-servizz ta' qima l-Ħadd ta' qabel. Kif il-predikatur sar jaf aktar dwar dak ir-raġel u l-familja tiegħu, induna lir-raġel kien ilu snin ma jattendi mal-

knisja. Ir-raġel kien jaf x'kellu jagħmel. Iżda hu rrifjuta li jagħmlu, u minflok beda jsib l-iskużi. Dan hu tabilħaqq parabbola moderna!

Forsi l-ittardjar fil-miġja ta' Ġesù, l-istess kif naqraw fil-parabbola, għandu x'jaqsam man-nuqqas ta' fedeltà tagħna wkoll. Per eżempju, kieku inti kont *taf* li Ġesù kellu jiġi lura din il-ġimgħa, x'kont tagħmel differenti din il-ġimgħa? Jekk inti teħtieġ li tagħmel bidliet, allura dak huwa li inti għandek tagħmel issa għaliex "*Bin il-Bniedem jiġi fis-siegħa li ma taħsbux fiha.*"

Jekk inti trid li tkun lest meta jiġi Ġesù, kun fidil. La ġġib ebda skuża—*sempliċiment kun fidil!*

## AĦSEB BIL-QUDDIEM

Il-Parabbola ta' l-Għaxar Verġni tgħallimna biex naħsbu bil-quddiem. Din il-parabbola f'Mattew 24:1-13 tirrifletti l-użanza tat-tieġ fi żmien Ġesù, meta l-ħbieb ta' l-għarus jistennew għall-wasla tiegħu mal-lejl u jeskortawh f'purċissjoni ta' ferħ għall-festa tat-tieġ. Fil-parabbola ħamsa mill-verġni kienu għaqlin u ħamsa kienu boloh. Id-differenza tinsab fil-preparazzjoni jew nuqqas ta' preparazzjoni tagħhom. Meta wasal il-ħin għall-festa tat-tieġ, il-verġni boloh (dawk mhux ippreparati) kienu mħollija barra. Minħabba n-nuqqas tagħhom u ta' preparazzjoni, huma kienu barra qegħdin ifittxu għaż-żejt għal lampi tagħhom meta l-għarus wasal u kien tard wisq biex jidħlu għall-festa.

Kemm huma tipiċi l-ħames verġni żagħżagħ ta' dawk in-nies tal-lum li jgħixu biss għall-mument, bħallikieku *llum* huwa dak kollu li hawn jew li qatt ikun

hanw! Ġesù jippronunzja l-verdett iebes fuq nies li jgħixu hekk: "Boloh!" Dan huwa speċjalment tassew dwar dawk li semgħu l-aħbar it-tajba dwar is-salvazzjoni f'Ġesù imma qatt ma aċċettaw dik is-salvazzjoni. Jekk inti persuna bħal dawn, ħalli nistaqsik mistoqsija fis-sinċerità kollha: Jekk inti ma ppreparajtx lilek innifsek permezz ta' l-ubbidjenza ta' l-Evanġelju, x'qiegħed tippjana *int* li tagħmel dwar l-eternità? Ħsibt int għallanqas dwar dan? Ftakar li Ġesù qal it-triq għat-telfien ta' dejjem hija "wiesa" u "faċli"—u li dan hu għaliex ħafna jsibuha! Ftakar ukoll li l-messaġġ ta' l-Evanġelju mhux biss qiegħed biex jinstema' u jkun emmnut, dan għandu *jkun obdut ukoll* (Ara Rumani 1:5; 16:26; 2 Tessalonikin 1:8). B'żieda għal li temmen, dan għandu jinkludi li tindem u li tkun mgħammed għall-maħfra ta' dnubietek (Atti 2:38) u mbagħad tgħix ħajja konsistenti mat-tagħlim tal-Mulej tagħna Ġesù Kristu.

Jekk trid li tkun lest meta Ġesù jerġa' jiġi, inti għandek taħseb bil-quddiem dwar ħajtek, dwar il-mewt, u dwar l-eternità—u mbagħad *agħmel xi ħaġa* dwarhom! L-unika ħaġa li *tistà* tagħmel biex tipprepara għall-eternità hija li ssir dixxiplu devot u ubbidjenti ta' Kristu.

## UŻA SEWWA L-BARKIET TA' ALLA

Il-Parabbola tat-Talenti tgħallimna biex nużaw sewwa l-barkiet ta' Alla. F'Mattew 25:14-30, għal darb' oħra Ġesù jgħid dwar mexxej li jħalli qaddejja fl-inkarigu ta' ġidu. Lil kull wieħed huwa fdalu somma kbira ta' flus:

*"Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed skond il-ħila tiegħu"* (Mattew 25:15).

"Talent" kien somma ta' flus li kienet ta' sitt elef denarii. Billi ħaddiem jista' jistenna li jaqla' denar wieħed għal kull ġurnata xogħol, talent wieħed kien jirrappreżenta aktar minn dħul ta' sittax-il sena paga għall-ħaddiem fl-ewwel seklu fil-Palestina. Waqt li dawn it-tliet qaddejja ma rċevewx somom indaqs ta' flus, kull wieħed irċieva ammont kbir, "*kull wieħed skond il-ħila tiegħu*" (Mattew 25:15b). Mit-tliet qaddejja, "il-qaddej b'talent wieħed" biss naqas li jogħġob lis-sid tiegħu u bħala riżultat kien ikkastigat. L-iżball tiegħu ma kienx f'li għamel id-deni; hu ma ħeliex jew seraq il-flus ta' sidu. L-iżball tiegħu kien f'li ma għamilx il-flus ta' sidu dak li kien *mistenni* minnu li jagħmel. Skond versi 24 u 28, hu kien tant beżgħan li jagħmel xi ħaġa *ħażina* li ma għamel xejn *tajjeb*!

Qiegħed int tagħmel ir-rieda tal-Mulej bil-barkiet li Hu afdalek? Mhux biss il-flus tiegħek, imma l-ħin tiegħek, l-abbiltajiet tiegħek, u dak kollu li għandek?

Meta mistoqsijiet bħal dawn ikunu magħmula, xi ħadd normalment iwieġeb, "Imma *kull* ma għandi hu tal-Mulej!" Dan huwa minnu kollu kemm hu, iżda xi kultant li tgħid dan il-kliem huwa wżat bħala skuża talli ma *tagħtix* lill-Mulej minnu. Aħna nistgħu *ngħidu* li kull ma għandna huwa Tiegħu, imma *nużawh* kif nixtiequ aħna. (Ara Mattew 15:1-7 għal eżempju simili). Dan hu l-istess bħall-kaptan navali li ta taħdita ta' kuraġġ lill-ekwipaġġ tiegħu u qal, "Irġiel, dan mhu-

wiex il-vapur *tiegħi*; huwa l-vapur *tagħna*." Xi ħadd mill-ekwipaġġ għajjat, "Tajjeb! Ħalli nbiegħuh!" Li tgħid ħaġa ma jfissirx li tkun hekk.

Aħna sempliċiment niffaċċjaw din il-problema f're-lazzjoni għaż-żmien tagħna. Aħna lkoll imħabbtin. Fil-fatt, kemm aħna mħabbtin huwa "suġġett jaħraq" ta' konverżazzjoni, hekk kif aħna nokorbu kemm għandna x'nagħmlu, fejn morna biex nagħmlu x-xogħol, u kemm għad baqa' x'nagħmlu. Aħna naħsbu li hemm xi ħaġa *ħażina* fina nfusna jekk ma nkunux tant imħabbtin li ma naqtgħux nifisna. Jalla ħadd ma jgħid, meta tiġi xisejħa biex xi ħadd igħallem il-Bibbja, jżur il-morda tal-knisja, jisma' lil xi ħadd bi problema, jew juri ħbiberija mal-barrani, jiena "mħabbat wisq." Dan huwa r-rispons "ipprogrammat" ta' xi wħud.

Aħna neħtieġu li nistaqsu lilna nfusna: B'xhix aħna ninsabu tant imħabbtin li ma nistgħux nitolbu, naduraw, ngħallmu l-Kelma ta' Alla, jew li noħorġu mit-triq tagħna wkoll għal ftit siegħat biex naqdu oħrajn? Jekk aħna mħabbtin daqshekk, definittivament m'aħniex qegħdin nużaw ħajjitna kif irid Alla. Fi kliem ieħor, aħna qaddejja fqar tal-ħin tas-sid tagħna, l-istess bħall-qaddejja tal-parabbola. Xi wħud mit-taħbit tagħna m'għandiex kontroll fuqu, imma ħafna minnu għan-dna. Aħna neħtieġu li nistaqsu; fid-dawl ta' l-eternità, fid-dawl ta' li Ġesù reġa' ġej, "X'inhu fil-ħajja tagħna l-aktar importanti u x'mhuwiex tassew importanti? X'inhi l-prijorità tiegħi fil-ħajja tiegħi, ix-xogħol tal-Mulej jew ix-xogħol tiegħi?

Kemm-il darba jiena mill-mija u tmienja u sittin siegħa li fiha ġimgħa ħadt għalija wkoll is-sagħtejn li jiena suppost niltaqa' mal-knisja għall-qima lil Alla fil-jum tal-Ħadd u għal l-istudju tal-Kelma ta' Alla matul il-ġimgħa nhar ta' Erbgha? Il-Mulej tani 168 siegħa fil-ġimgħa u talabni **biss** tnejn minnhom Għal-ih, jiġifieri 166 siegħa kollha għalija. Ridt jiena u ħadt jiena dawk is-sagħtejn ukoll għalija? Kif se nweġbuh aħna u xi skuża sejrin nippruvaw inġibu meta nidhru quddiemu għall-ġudizzju? Sejrin ngħidlu li konna mħabbtin wisq u ma stajniex nattendu għaliex kellna bżonn ukoll dawk is-sagħtejn Tiegħu? Dik mhix skuża biżżejjed. Wieħed irid ikun tassew egoist biex wara li l-Mulej ikun tah dawk is-siegħat kollha ma jkunux lest lanqas siegħa waħda ma jagħtih bħala ringrazzjament! Aħsibha sewwa din l-affari u ddeċiedi issa dwar mhux xi skuża int tista' ġġib imma li dawk is-sagħtejn tagħt-ihom lill-Mulej u ma tħalli xejn li jnaqqas xi waħda minnhom.

## KONKLUŻJONI

Biex tkun lest meta Ġesù jiġi, uża ħajtek f'mod ta' siwi, ma tagħmilx dak lid-dinja tgħid li huwa impor-tanti, imma dak li tabilħaqq huwa importanti, dak li Alla jgħid li huwa importanti.

Ġesù reġa' ġej, u inti teħtieġ li tkun lest. L-uniku mod li inti tkun ippreparat huwa li tkun fi Kristu u fidil, ippreparat, u qaddej tajjeb tal-ħajja. Jekk m'intix Kristjan skond it-Testment il-Ġdid jew jekk m'intix fidil, warrab kollox fil-ġenb issa, u hejji lilek innifsek biex tkun lest. Irrifjuta li tgħix ġurnata oħra mhux ipp-

reparat. Aċċetta lil Ġesù bħala l-Mulej tiegħek, indem minn dnubietek, u ndifen Miegħu fil-magħmudija għall-maħfra ta' dnubietek.

## IT-TINEI MIĠJA TA' KRISTU
## (Ir-raba' parti)

**PAROUSIA:** It-Testment il-Ġdid biċ-ċar jassoċja t-terminu ma' *ritorn ta' Kristu li huwa visibbli u li jinstama' fit-tmiem tad-dinja*. Innota: (1) F'Mattew 24: 15-22 Ġesù jiddeskrivi l-kondizzjonijiet li għandhom ikunu assoċjati mal-qirda mdendla ta' Ġerusalem. B'konnessjoni ma' dan, Ġesù jwissi li *jekk xi ħadd jgħid, "Ara, hawn hu Kristu,"* dan ma kellux ikun emmnut:

> "*Għax bħalma l-berqa tiġi mil-lvant, u* ***tidher*** *ukoll mill-punent;* ***hekk ukoll*** *(b'dan il-mod) tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem*" (PAROUSIA; enfasi tiegħi).

Il-kelma "tidher" hija ġejja mill-kelma Griega *phaino* li tfisser "li tiddi" (Mattew 24:27). Sewwasew dan il-vers huwa ppjanat biex juri li ħadd ma jkollu l-bżonn li jkun *infurmat* dwar il-miġja tal-Mulej; din tkun

*xhie-da universali*! (2) Ara 1 Tessalonikin 4:15-17. Meta Pawlu ddiskuta l-*parousia* ta' Kristu, huwa ddikjara:

> "*Għax il-Mulej innifsu jinżel b'għajta mis-sema, mal-leħen ta' l-arkanġlu, u mat-tromba ta' Alla…*" (1 Tessalonikin 4:16).

Ċertament li dan huwa l-aktar vers *storbjuż* fil-Bibbja! U dan definitivament jeskludi l-idea *ta' ritorn kwiet u sigriet ta' Kristu* kif igħallmu xi wħud. Ukoll, din is-silta għandha tiġi mħarsa b'konnessjoni mat-2 Tessalonikin 1:7 (l-istess suġġett għall-istess nies) fejn huwa ddikjarat li sejjer ikun hemm rivelazzjoni, dehra (*apokalupis*, "biex tinkixef") tal-Mulej Ġesù mis-sema ma' l-anġli setgħana Tiegħu f'nar iħeġġeġ. (Ukoll ara 1 Korintin 1:7; 1 Pietru 1:7, 13).

Kif diġa' rajna fl-istudji ta' qabel dwar Mattew 24 u Mark 13, f'dawn il-kapitli nsibu serje ta' profeziji kontra n-nazzjon Lhudi, li kienu mwettqa mas-sena 70 W.K., meta l-qawwiet Rumani taħt Titu invadew il-belt ta' Ġerusalem, qatlu u ħallew lin-nies bil-ġuħ għall-mewt, kissru għal kollox it-tempju, u qerdu "l-belt il-qaddisa" nfisha.

Id-dixxipli ta' Ġesù, wara li qalilhom:

> "*Tarawx dawn il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: li ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx*"

staqsewh mistoqsija li huma ħasbu li kienet mistoqsija waħda imma fil-fatt kienu tlieta, u dan għaliex huma kienu jassoċjaw it-tmiem ta' Ġerusalem u tat-tempju

mat-tmiem tad-dinja! Huma staqsew: "Għidilna, (1) meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? (2) u x'ikun is-sinjal tal-miġja tiegħek, u (3) ta' tmiem id-dinja?" (vers 3).

Ġesù mbagħad wieġeb bi profezija ċara dwar il-qirda ta' Ġerusalem bi tweġiba għal: "*meta jiġru dawn il-ħwejjeġ?*" Ġesù kompla jwieġeb l-aħħar partijiet dwar is-sinjali tal-miġja Tiegħu u l-għeluq jew it-tmiem tad-dinja.

Vers 34 huwa l-qofol ta' bejn il-partijiet 1, 2, 3:

> "*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

Xi ħwejjeġ kollhom isiru?

1. Jiġu f'ismi jgħidu: Jien hu Kristu.
2. Gwerer u xnigħat ta' gwerer.
3. Ġuħ pesta u terremoti, theżhiż.
4. Tribulazzjoni.
5. Tfixkil u tradiment.
6. Profeti foloz iqumu.
7. L-Evanġelju ppridkat mad-dinja kollha.

Dawn il-ħwejjeġ **kollha ġraw** qabel is-sena 70 W.K. Dwar (7), kif diġa' rajna aktar qabel, għall-tweġiba wieħed għandu jaqra Kolossin 1:6, 23 u mhux iħalli lil xi profeti foloz moderni jinterpretawlu huma. Il-kittieb ispirat ħass li dan kien imwettaq għas-sodisfazzjon tiegħu u hu miet xi snin qabel is-sena 70 W.K.

Imbagħad jiġi d-diskors kbir dwar it-tribulazzjoni l-kbira mħabbra minn qabel minn Danjel u minn vers 29 jiġi x-xebħ katastrofiku. Wieħed għandu jaqra s-sinjali u jkun jaf li l-ħin għal din il-profezija biex tkun

im-wettqa huwa qrib, u kif aħna nnutajna, dan għandu jiġi jew isir ***fil-ġenerazzjoni tas-semmiegħa*** (vers 34. Dwar il-frażi "Dan in-nisel ma jgħaddix" ara l-istudju li jġib l-istess titlu).

Wara t-tweġiba għall-ewwel mistoqsija dwar it-tempju u l-qirda tiegħu, Ġesù wieġeb l-aħħar tnejn:

> "*X'ikun is-sinjal tal-miġja tiegħek u l-għeluq ta' tmiem id-dinja?*"

Ġesù qal ħafna dwar li ħadd ma jaf meta dan għandu jiġri. Imma l-profeti u għalliema foloz moderni daħħlu ħafna tagħlim falz u ħalltuh mat-tagħlim tal-Mulej li ħafna nies sinċiera illum qegħdin iwarrbu fil-ġenb il-kliem tal-Mulej u jaċċettaw b'għajnejhom magħluqa l-kliem tal-profeti u għalliema foloz. Kif xi ħadd jipprova jitkellem ma' dawn in-nies, huma mill-ewwel jikkwotawlek mhux x'qal il-Mulej dwar dan imma xi dak li jgħidulhom il-mexxejja reliġjużi tagħhom. Xi wħud dan jagħmluh mingħajr lanqas biss jirrealizzaw li huma qegħdin iwarrbu fil-ġenb il-kliem tal-Mulej u jikkwotaw il-kliem tal-profeti foloz moderni! X'qal il-Mulej dwar dan? Hu qal:

1. Dan għandu jiġi għal għarrieda bħad-dilluvju (Mattew 24:37-38)
2. Bħall-ħalliel bil-lejl (Mattew 24:43; 1 Tessalonikin 5:2; 2 Pietru 3:10).
3. Aħna għandna nkunu għal lest bħall-verġni l-għaqlin, "*ishru mela, għaliex **ma tafux** la l-jum u lanqas is-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem*" (Mattew 25:13). Li tinterpreta l-kelma "nisel" (ġenerazzjoni) bħala li tfisser "razza" jew xi tul

ta’ żmien bejn il-kliem ta’ Ġesù u t-tmiem tad-dinja huwa li taqbad mat-tiben speċjalment fejn kien hemm diżastru li ma jistax jiftiehem ta’ kobor immens matul il-ħajja tas-semiegħa.

4. It-tempju kien meqrud u għal dik il-profezija biex terġa’ tkun imwettqa fit-tmiem tad-dinja *dan għandu jerġa’ jiġi mill-ġdid bil-glorja tiegħu kollha!*

Imma l-punti proprja li jgħidu jinsabu bejn versi 15 u 28, u dawk diffikultużi bejn versi 29 u 31!

Fehma sempliċi ta’ x’sejjer jiġri meta Ġesù jerġa’ jiġi u tpoġġija ta’ dik il-fehma kontra l-versi 15 sa 28 ta’ Mattew 24 għandha turi li din ma tistax tkun l-istess ġrajja inkonsiderazzjoni. Hawn Ġesù jgħid lill-Kristjani biex jaqraw is-sinjali u jagħrfu l-ġrajjiet tat-tribulazzjoni li kienet ġejja u biex **jaħarbu minnha**. Huma għandhom **jiġru għall-muntanji** u mhux lura lejn djarhom biex jieħdu xi ħaġa (versi 16 u 17). Huma għandhom jitolbu li dan ma jiġix fix-xitwa jew f’xi Sibt. Ix-xitwa tista’ tittardja l-ħarba u tagħmilha aktar diffiċli. Is-Sibt ikun ifisser li l-bibien tal-belt iku-nu magħluqa. Nisa tqal li jreddgħu jkollhom problemi ovvji fil-ħarba.

*Issa, jekk dan kien biex jirreferi għat-tieni miġja ta’ Kristu fl-aħħar tad-dinja, IL-KRISTJANI KOLLHA JKUNU FIŻ-ŻGUR MA’ KRISTU! Ma jkun hemm ebda bżonn biex wieħed jaħrab għall-muntanji!* (U għal liema muntanji aħna hawn Malta u pajjiżi oħra bħal tagħna nistgħu naħirbu!)

Aħna nqumu biex niltaqgħu ma’ Kristu fis-sema u nkunu miegħu għal dejjem. *li taħrab għall-muntanji*

*jkun bla ebda skop għall-ħżiena: Tabilħaqq ħarba hija għalxejn għas-salvi jew għall-ikkundannati meta Ġesù jerġa' jiġi!* Qiegħed tara kif l-għalliema u l-profeti foloz moderni jġibu l-Kelma ta' Alla fix-xejn?

Ġenerazzjoni (nisel) hija kkunsidrata li hi 30 sa 40 sena. Kif rajna, Ġesù qal li dawn il-ħwejjeġ kollha għandhom isiru u l-belt ta' Ġerusalem u t-tempju jinqerdu fit-tletin sa l-erbgħin sena li ġejjin. Hekk qal il-Mulej!

Dawn il-ġrajjiet kollha ġraw sewwasew kif qal Ġesù li kienu se jiġru. Il-gwerra Ċivili Lhudija bdiet fis-sena 66 W.K. u l-belt ta' Ġerusalem kienet maqbuda u meqruda għalkollox mill-armati Rumani fis-sena 70 W.K., sewwasew 40 sena wara li Ġesù qal li din kellha tinqred. L-assedju u l-qbid ta' Ġerusalem huwa wieħed illi huwa ppriservat f'dettalji kbar mill-istoriku Josephus, kif diġa' rajn aktar qabel ([ara minn paġna 20]; Josephus, pp. 561-589, eċċ).

L-istqarrija ta' Ġesù lit-tribulazzjoni l-kbira, inniket il-kbir ikun "*li bħalu ma kienx mill-bidu tad-dinja s'issa, le, lanqas ikun hemm*" kienet imwetta għalkollox. Dik il-kwotazzjoni minn vers 21 turi wkoll *illi għandu jkun hemm KONTINWAZZJONI ta' żmien warajha. Il-"lanqas ikun hemm*" ta' Ġesù tissiġillaha. Din għandha x'taqsam mas-sena 70 W.K.

Ma kinetx tkun kontroversjali li kieku ma kienx għall-versi 29 sa 31. Id-deskrizzjoni li nsibu f'dawn il-versi ċertament ma kelliex twettiq letterali fis-sena 70 W.K. Dan għaliex ħafna jemmnu li Ġesù kien qiegħed jitkellem dwar l-aħħar tad-dinja jew taż-żmien. Lanqas xejn minn dan; is-semmiegħa Tiegħu *kienu*

*jafu eżatt* x'kien qiegħed jagħmel Ġesù. Ġesù kien qiegħed juri li dan in-niket kbir kien jimmarka t-tmiem definit ta' ordni tad-dinja. *F'dan il-każ din kienet l-ordni tad-dinja Lhudija.*

Madankollu, aħna nsibu lingwa bħal dik ta' vers 29 matul il-Bibbja biex tpinġi jew turi l-qirda ta' nazzjonijiet. Tajjeb li nerġa' nfakkar dawk il-passaġġi li sem-mejt aktar qabel (ara minn paġna 22 'il quddiem):

1. Fi spjega tal-waqa' ta' Babel, Alla qal,

   "*Għax il-kwiekeb tas-sema u l-għaqdiet tagħhom ma jagħtux id-dawl tagħhom: ix-xemx tiddallam hi u ħierġa, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu*" (Isaija 13:10).

2. Fi spjega dwar il-qirda ta' Edom Alla qal:

   "*L-eżerċtu kollu tas-sema jdub, u s-smewwiet jitkebbu bħal ktieb: u l-eżerċtu tagħhom jaqa'*" (Isaija 34:4-5).

3. Lingwa ta' l-istess tip hija wżata fl-ispjega tal-waqa' tal-fargħun u ta' l-Eġittu:

   "*U meta nitfik, ngħatti s-smewwiet, u ndallam il-kwiekeb tagħhom, ngħatti x-xemx bi sħaba, u l-qamar ma jagħtix id-dawl tiegħu. Id-dwal kollha tas-sema ndallam fuqek, u nitfa' d-dlam fuq artek, igħid sidi l-Mulej*" (Ara Eżekjel 32:7-8).

Aħna għandna nħallu l-Kelma ta' Alla tinterpretalna lilha nfisha u mhux lill-profeti u

għalliema foloz mo-derni (2 Pietru 1:20-21). Jekk lingwa tant figurattiva u katakliżmatika kienet użata biex tiddeskrivi l-waqa' ta' nazzjonijiet pagani, wieħed m'għandux jaħseb li hija ħaġa stramba li Ġesù juża lingwa bħal din biex jiddeskrivi l-waqa' tan-nazzjon Lhudi. U din hija l-prova kemm l-għalliema u l-profeti moderni jinsabu żbaljati fl-interpretazzjonijiet tagħhom. Il-Lhud ta' żmien Ġesù kienu jafu sewwa dwar xhiex Hu kien qiegħed jitkellem għaliex huma kienu mdorrijjin b'dak il-lingwaġġ. Huma kienu jafu tajjeb l-Iskrittura tat-Testment il-Qadim u l-ġrajjiet li għaddew minnhom ċerti imperi. "*L-eżerċtu kollu tas-sema jdub, u s-smewwiet jitkebbu bħal ktieb: u l-eżerċtu tagħhom jaqa*" (Isaija 34:4-5). Dan il-kliem qalu Alla permezz tal-profeta Isaija dwar il-waqa' ta' Babel. Jekk aħna nieħdu dan il-kliem letteralment, allura la għandu jkun hemm sema, għaliex din tinsab imdewba, is-smewwiet huma mkebba bħall-ktieb, u l-eżerċtu tagħhom waqa'. U fejn waqa'? Fuq l-art? Mhux hekk biss, jekk wieħed jaqra vers 3, ta' Isaija 34, il-muntanji għandhom ikunu kollha mdewba wkoll bid-demm tal-ġnus. Isma' xi jgħid il-profeta Isaija:

> "*Il-mejtin tagħhom ukoll jintremew, u l-intiena tagħhom titla' minn ġisimhom mejjet, u l-muntanji jinħallu b'demm-hom*" Isaija 34:3).

Dan kollu twettaq mal-waqa' ta' Babel, u s-sema għadha hemm, is-smewwiet għadhom kif kienu, u l-muntanji għadhom hemm u ma sarux likwidu! Ma

jfissirx dan li l-Mulej kien żbaljat, xejn minn dan, imma li dak li Hu qal kien kliem figurattiv u mhux letterali kif jippruvaw jinterpretaw dak li jintqal f'Mat-tew 24 il-profeti u l-għalliema foloz moderni! Mela tħalli lil ħadd iqarraq bik bi kliem fieragħ għaliex minħabba f'hekk, tgħidilna l-Kelma ta' Alla, tinżel il-korla ta' Alla fuqek (Efesin 5:6), u ħalli l-Kelma ta' Alla nfisha tinterpreta lilha nfisha hi!

## KONKLUŻJONI

Ħalli naraw il-mistoqsijiet tad-dixxipli kif Ġesù weġibhom, bit-testi Skritturali fl-erba' Vanġeli għal kull mistoqsija:

## IL-MISTOQSIJIET

**Mattew 24:3 Mark 13:4 Luqa 21:7**

1. Meta huwa t-tmiem ta' Ġerusalem?
2. X'inhu s-sinjal tat-tmiem ta' Ġerusalem?
3. X'inhu s-sinjal tal-miġja tiegħek?
4. X'inhu s-sinjal tat-tmiem tad-dinja?

## IT-TWEĠIBIET – DWAR ĠERUSALEM

1. L-ewwel mistoqsija għal '*meta*'
   Mattew 24:4-14; Mark 13:5-13; Luqa 21:8-19
2. It-tieni mistoqsija għal '*x'inhu s-sinjal*'
   Mattew 24:15-28; Mark 13:14-23; Luqa 21:20-24

3. It-tielet mistoqsija għal '*sinjal*' tal-miġja tiegħek
   Mattew 24:29-31 (v. 27); Mark 13:24-27; Luqa 21:25-28
4. Ir-raba' mistoqsija dwar '*it-tmiem tad-dinja*'
   Mattew 24:37—25:30; Mark 13:33-37; Luqa 21:34-36

4. Il-Parabbola tat-Talenti—ħin mhux magħruf, *mela kun għaqli*.

Huwa ċert li Ġesù reġa' ġej. Il-qirda ta' Ġerusalem kif Ġesù ħabbar li kellha tkun hija prova ta' dan. Huwa bluha u ħażin għal nies illum li jbassru meta Ġesù reġa' ġej. Hu jista' jiġi issa, f'dan il-mument, jista' jiġi ġimgħa oħra, jista' jiġi xahar ieħor, jista' jiġi snin oħra. Ġesù jgħid lill-qaddejja Tiegħu biex "*jishru*" jkunu lesti meta Hu jiġi. It-tagħlima importanti ta' Mattew, kapitlu 24 mhijiex biex tgħidilna meta Ġesù ġej, imma biex taċċertana b'dan is-sinjal li Hu ġej.

Għalhekk,

> "*Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam dwar it-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitlobkom biex ma toqogħodux tħawdu raskom malajr u tinħas-du bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra*

*taparsi minn għand-na.* ***Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'eda mod!****…*"
(2 Tessalonikin 2:1-3a; enfasi tiegħi).

Għal aktar informazzjoni ikteb lil:
KNISJA TA' KRISTU
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta
E-mail: info@churchofchristmalta.com